TAJJEB LI TKUN TAF



# It-Talba tal-ANGELUS

Din it-talba primarjament tfakkar il-Misteru tal-Inkarnazzjoni u hija magħmula minn 3 frażijiet bibliċi alternata ma’ 3 tislimiet lill-Madonna: Sliema u Qaddisa.

Hija talba li sa’ llum-il ġurnata nsibuha tingħad 3 darbiet kuljum fil-knejjes, kunventi u monasteri kattoliċi, u saħansitra fid-djar, u li inizjalment jidher li kienet tfakkar il-Misteri prinċipali ta’ Kristu:
(i) il-Qawmien mill-Imwiet – Filgħodu,
(ii) l-Agunija fuq is-Salib – F’nofs in-nhar; u
(iii) it-Tħabbira lil Marija – Filgħaxija.

X’aktarx li bdiet fis-seklu XI meta mad-daqq tal-qniepen ta’ filgħaxija xi patrijiet – u jispikkaw l-aktar huma l-Franġiskani Taljani – daħħlu d-drawwa li jgħidu 3 Ave Marijiet. L-ewwel dokumentazzjoni jagħtihielna l-Patri Sinigardi minn Arezzo (li miet fl-1282) u jidher li bejn l-1263 u l-1295 kienet qed issir dejjem aktar popolari fost il-Franġiskani fl-Italja.

Fl-1269, San Bonaventura ħeġġeġ lill-insara kollha biex jipprattikaw din id-drawwa Franġiskana.

L-Istituzzjoni ta’ din it-talba hija attribwita kemm lil Papa Urbanu II, u kemm lill-Papa Ġwanni XXII fl-1317, filwaqt li kien ir-Re ta’ Franza Luigi XI li fl-1472 ordna li tingħad 3 darbiet kuljum.

***L-Anġlu t’Alla***
***ħabbar lil Marija:***
***U hija saret omm***
***mill-Ispirtu s-Santu.***
*Sliema u Qaddisa.*

***Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej:***
***Ikun minni skond kelmtek.***
*Sliema u Qaddisa.*

***U l-Iben t’Alla sar bniedem:***
***U għammar fostna.***
*Sliema u Qaddisa.*

***Itlob għalina,***
***Qaddisa Omm Alla:***
***Biex ikun jistħoqqilna***
***dak li wegħdna Kristu.***

***<u>Nitolbu:</u>***
***Xerred, Mulej, fi qlubna***
***il-grazzja tiegħek biex aħna***
***li bit-tħabbira tal-anġlu***
***għarafna li Kristu Ibnek***
***sar bniedem,***
***bil-passjoni u l-mewt tiegħu***
***naslu għas-sebħ tal-qawmien.***
***Bi Kristu Sidna. Ammen.***

Il-forma tagħha ġiet stabilita b’mod definittiv fis-seklu XVII. L-approvazzjoni finali seħħet mill-Papa Benedittu XIV fis-sena 1724, fejn ordna wkoll li fi żmien l-Għid, minflok l-*Angelus*, tibda tingħad it-talba tar-*Regina Coeli*.

Il-Papa Pawlu VI, fl-Ittra Appostolika tiegħu *Marialis Cultus* fl-1974, inkoraġġixxa ħafna l-prattika tagħha.

Il-mod ta’ kif jindaqqu l-qniepen waqt din it-talba jidher li kienet id-drawwa li baqgħet l-istess sa’ mill-oriġini ta’ din it-talba. Il-kostituzzjonijiet tal-monasteru ta’ Syon tas-seklu XV jiddettaw li l-ajk "għandu jdoqq il-qanpiena 9 darbiet b’pawża wara kull 3 sabiex iħalli spazju għal Missierna u Ave Maria."

Xi knejjes protestanti u anglikani wkoll jitolbu din it-talba.



PARROĊĊA TA’ ĦAL SAFI
KONVERŻJONI
TA’ SAN PAWL
Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

# IL-PERSEVERANZA

## Ma nistgħux inkunu insara ta’ nofs kedda

*Lilek, O Alla, infaħħru,*
*lilek b’Mulej nistqarru;*
*Lilek, Missier ta’ dejjem,*
*id-dinja kollha tqimek.*
*[...]*
*Nitolbuk għalhekk*
*li tgħin lill-qaddejja tiegħek,*
*li int fdejt b’demmek il-għażiż.*
*Agħmel li nissieħbu*
*mal-qaddisin tiegħek*
*fil-glorja ta’ dejjem.*

Meta bħala Knisja, fl-aħħar quddiesa li tkun iċċelebrata fis-sena, u fuq l-għatba ta’ sena ġdida, nitolbu bil-kliem tal-Innu ta’ Radd il-Ħajr lil Alla, it-*Te Deum*, aħna nkunu qed infaħħru lil Alla għal dak kollu li nkunu għaddejna minnu filwaqt li nitolbu wkoll l-għajnuna tiegħu għal li ġej. Nitolbuh mhux biss jgħinna fil-ġrajjiet ta’ kuljum iżda nfakkruh ukoll li hu, għalina, xerred demmu u xtrana bi prezz għoli. Għalhekk, bħal donnu nfakkruh li ma jistax jinsina, lilna li swejnielu ħajjet Ibnu, filwaqt li nitolbuh jagħtina l-grazzja li mmorru ngawduh għal dejjem. U din ix-xewqa ma sseħħx jekk ma nkunux determinati u mingħajr il-grazzja tal-perseveranza mħaddna mal-fiduċja fiH.

**Il-grazzja tal-Perseveranza li tixhed il-Fedeltà tagħna**

Ngħiduha kif inhi, min jaf f’Jannar kemm-il riżoluzzjoni nagħmlu: ‘Din is-sena, nibda noħroġ nimxi kuljum’ jew ‘Minn għada, daqshekk ħelu’ jew forsi wkoll, ‘Din is-sena nipprova ma nidgħix.’ U bħalma spiss jiġri, nibdew b’ħafna ħeġġa u eżattezza imma wara biss ftit jiem, ħafna minna jibdew jagħmlu l-kompromessi: *‘Illum għajjien/a wisq għall-mixi ... issa mmur għada u nagħmel mixja itwal’*; *‘U din-naqra ċikkulatina x’se tagħmilli?’*; *‘Qabbżuhieli u litanija sħiħa għedt.’*

U f’ħakka t’għajn, minħabba diversi kompromessi, ir-riżoluzzjoni tiġi mwarrba u tintesa, bħallikieku qatt ma kienet. Nibdew ukoll ninħakmu mill-qtigħ il-qalb għax ngħidu li ma nkunu kapaċi għal xejn, għax min jaf kemm ippruvajna naqtgħu xi vizzju li jkun ħakimna, bħal per eżempju d-dagħa jew il-pornografija u nsibuna naqgħu fih darba wara l-oħra. U bħal donnu iktar ma naħarbu minn dak li nkunu nixtieqi naqtgħu, iktar insibu l-okkażjoni ma’ wiċċna.



### Qtigħ il-qalb: l-aqwa arma tax-xitan

Il-qtigħ il-qalb hija l-iktar arma qawwija tal-għadu tagħna, ix-xitan, għax tagħlaqna fina nfusna u ġġegħilna ninsew li aħna, bħala Nsara, għandna l-għajnuna ta' min xerred demmu għalina. Storja ħelwa li tifthilna għajnejna dwar dan tgħid xi ħaġa hekk: Mela darba x-xitan iddeċieda li jbiegħ l-armi tiegħu b'irkant. Rama mejda twila u poġġa l-għodda ħdejn xulxin, kull waħda b'isimha quddiemha biex ix-xerrejja jkunu jafu għal xiex deħlin: għira, mibegħda, firda, tqassis, suppervja, tpattija, infedeltà ... u ħafna oħrajn li kulħadd kien jaf tajjeb. Imma fil-ġenb kien hemm biċċa għodda qadima, li hekk kif tħares lejha kont tinduna li kienet intużat ħafna. Kien jisimha l-qtigħ il-qalb u minkejja d-dehra tagħha, kellha miktub *'Mhux għall-bejgħ.'* Meta lix-xitan staqsewh ir-raġuni għal dan, u hu wieġeb: *'Għax dik prezzjuża wisq għalija u ma nixtieqx ninfired minnha. Kif qed taraw, nużaha ta' spiss. Ħadd ma jaf li dik tiegħi, allura ma tantx jagħtu kasha, imma jien biha nista' niftaħ il-bibien li jkunu sakkru sewwa kontra l-armi l-oħra tiegħi. U ladarba nkun dħalt f'qalbhom, imbagħad hemmhekk inkun nista' nibda nuża l-għodda l-oħra kollha.'*

### Il-Perseveranza li titlob is-Sabar u l-Kuraġġ

Biex niġġieldu kontra l-qtigħ ta' qalb, irid ikollna ħafna sabar magħna nfusna u kuraġġ. Tajjeb li npoġġu quddiemna miri li kapaċi nilħqu u li nkunu realistiċi. Jekk jien wara mixja ta' tliet minuti naqta' nifsi, ma nimmaġinax li se nibda nimxi għoxrin minuta kuljum. Tkun iktar ħaġa għaqlija li wara li nibda nimxi t-tliet minuti b'iktar ħeffa, nibda nżidhom bil-mod il-mod. L-istess ħaġa tgħodd għall-ħajja spiritwali tagħna: jekk uħud jidgħu għal kull ħaġa ta' xejn, ma nimmaġinax li ser jagħmel ġurnata sħiħa bla ma jżartu xi waħda imma jekk jirnexxilhom jirbħu lilhom nnfushom mqar darba matul il-jum, ikunu diġà għamlu pass 'il quddiem. U jekk l-għada jerġgħu koppi, għandhom jerġgħu jagħmlu ħilithom mingħajr ma jaqtgħu qalbhom.

Ma ninsewx li din it-taqbida ma nirbħuhiex waħedna imma bil-grazzja ta' Alla u jekk induru lejh u nitolbuh iqawwina u jgħinna, żgur li Hu li jkun qanqal fina l-ħeġġa biex insiru nixbhuh u li għalina Ibnu xerred demmu, ma jonqosniex.





# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
## Ħal Safi - Jannar 2018

| | |
|---|---|
| It-Tnejn 1 ta' Jannar | **Bidu ta' Sena Ġdida**<br>**- Solennità ta' Marija Omm Alla**<br>Il-Quddies ikun fl-istess ħinijiet ta' nhar ta' Ħadd. |
| Il-Ġimgħa 5 ta' Jannar | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni<br>Fit-8:00pm - *Get together* għall-*Helpers* biex nuru l-Apprezzament lil xulxin tal-ħidma li ssir b'risq il-Parroċċa.<br>(Din l-attività ser tkun fil-Museum tas-Subien). |
| Il-Ħadd 7 ta' Jannar | **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej** |
| Il-Ħamis 18 ta' Jannar | Tibda ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara. |
| Il-Ħamis 25 ta' Jannar | **Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl Appostlu**<br>Fil-5:30pm - Rużarju;<br>Fis-6:00pm - It-Talb ta' Filgħaxija - L-Għasar - li fi tmiemu tingħata l-Barka Sagramentali;<br>Fis-6:30pm - Quddiesa solenni mmexxija minn Mons. Joe Galea Curmi, li fl-aħħar tagħha tindaqq l-Antifona.<br>• *F'din iċ-ċelebrazzjoni, il-Mużika u l-Kor Sine Macula', jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M.* |
| It-Tnejn 29 ta' Jannar | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Layken Schembri

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Angela Dalli
Katarina Monreal

***Nitolbu għalihom!***